MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 3021/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Abela u b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2003, ghandhom jizdiedu l-kliem "u l-istess Alfred Abela" wara l-isem u kunjom "Alfred Abela"**

**Vs**

**Farrugia Antonio**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm576.68 (hames mija sitta u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu) rapprezentanti danni kkawzati f'incident stradali li sehh gewwa Hal Ghaxaq nhar il-25 ta' Frar, 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur noe qed jitlob il-kundanna ghal rizarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' Lm576.68 (hames mija sitta u sebghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmi) rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh f'Hal Ghaxaq nhar il-25 ta' Frar, 2002 meta waqt il-konvenut kien qieghed isuq il-mutur tal-hart habat mal-vettura KAT 321 misjuqa minn Alfred Abela, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali ta' Novembru, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-incident relativ gara unikament minhabba l-imprudenza u l-imperizja tas-sewwieq tal-vettura bin-numru KAT 321; u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-verjsoni kif mghotija mill-konvenut taqbel ma' dik moghtija mill-assigurat tas-socjeta` attrici, huwa wkoll.

Anki jekk jigu ezaminati l-versjonijiet moghtija a tempo vergine tal-incident lill-pulizija nvestigattivi dawn huma komformanti ma' dawk moghtija seduta stante.

Illi jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq il-mutur tal-hart bil-karru u gie biex idur minn mal-genb tat-triq, gie l-attur ghadda minn mieghu u laqtu.

Illi kif ritenut fil-kaz “M. Lemincher vs Clo Cassar” u “Paul Darmanin vs Antonio Buhagiar” l-oneru tal-prova jingombri fuq min jallega. F’kaz li dan ma jaghmlux, l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi. Fil-kaz odjern, l-atturi naqsu li jallokaw it-tort tal-incident fuq il-konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------